MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Marzu, 2015

Numru 351/2015

Il-Pulizija

Spettur Kylie Borg

vs

Philip Tanti

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ 344351m akkuzat talli nhar it-30 ta’ Marzu 2015 ghal habta tas-13:30 ta’ wara nofsinar gewwa Haz-Zebbug:

1. bla ordni skont il-ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna u cioe lil martu Carmela Tanti u bintu Babouska Tanti kontra l-volonta’ taghha;

2. fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra s-sigurta' tal-persuna u cioe' martu Carmela Tanti u bintu Babouska Tanti, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;
3. zamm jew garr arma tan-nar barra l-ghata taghha f'post li mhux permess l-isparar fuq kacca;
4. flimkien mat-theddid bil-fomm, kien hemm ordni jew kondizzjoni;
5. ikkaguna diversi offizi fuq il-persuni ta' martu Carmela Tanti u bintu Babouska Tanti, liema offizi jitqiesu li huma hfief skond kif iccertifika Dr Muscat M.D.;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel lil haddiehor, ingurji, jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mill-limiti;

Il-Qorti mitluba li tohrog ordni ta'protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil martu Carmela Tanti u lil bintu Babouska Tanti u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li t-tali persuni jiffrekwentaw.

F'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba sabiex tissosspendi lil Philip Tanti milli jzomm, jikseb, jottjeni kwalunkwe licenzja ta' arma tan-nar, kif ukoll tordna l-konfiska tal-arma tan-nar tal-ghamla Benelli ( serial number: 103549) li biha twettaq ir-reat.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti ;

Ikkunsidrat:

Dak li l-imputat kellu x'jghid qalu fl-istqarrija tieghu. Minn din tirrizulta l-hitja tieghu dovuta in parte ghac-cirkostanzi li sab ruhhu fihom u li in parte gab b'idejh.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata, pero', l-Qorti ma tistax hlief li ssibu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 87, 221, 339 (e) u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 3 u 55 tal-Kap 480.

Tikkundannah sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9 qeghda tissospendihom ghal erba' snin mill-lum u ghal multa ta' €690 li tawtorizza l-imputat li jkun jista jhallashom b'pagamenti ta' €20 f'kull l-ahhar ta' kull xahar, sussegwenti u konsekuttivi konvertiti f'prigunerija skond il-ligi fin-nuqqas mqar ta' pagament wiehed. L-ewwel pagamentli ghandu jsir sal-ahhar ta' April 2015.

Tapplika kontra tieghu l-Artikolu 412(c) tal-Kap 9 u tordna l-konfiska tas-senter tal-marka Benelli.

Fehmet lill-imputat, ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------